

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' April 2008

li temenda l-Anness XI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1577)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/339/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE u 91/665/KEE u temenda d-Direttiva 92/46/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 67(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u ċerti miżuri preventivi bl-għan li jiżiedu l-kuxjenza u t-tlestija mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola għal dik il-marda.
- (2) Il-miżuri preventivi stipolati fid-Direttiva 2003/85/KE jinkludu d-dispożizzjoni li l-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-immaniġġjar tal-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għar-riċerka, id-dijanjożi u l-manifattura jsir biss fl-laboratorji approvati elenkati fl-Anness XI ta' dik id-Direttiva.
- (3) Il-Parti A ta' l-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE telenka l-laboratorji nazzjonali awtorizzati biex jimmaniġġjaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal finijiet dijanjostiċi u ta' riċerka.
- (4) Id-Danimarka infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-bidliet marbuta ma' l-amministrazzjoni tal-laboratorju ta' referenza nazzjonali għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.
- (5) Il-Latvja u s-Slovenja infurmwaw uffiċjalment lill-Kummissjoni li l-laboratorji ta' referenza nazzjonali rispettivi tagħhom ma għadhomx meqjusa li jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza stipulati fl-Artikolu 65(d) u u għalhekk għandhom jiħassru mil-lista tal-Parti A ta' l-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE.

(6) L-Olanda infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-bidliet marbuta ma' isem il-laboratorju ta' referenza nazzjonali tagħha għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(7) Għal raġunijiet ta' sikurezza huwa importanti li l-lista ta' laboratorji nazzjonali awtorizzati biex jimmaniġġjaw il-virus ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fid-Direttiva 2003/85/KE tibqa' aġġornata.

(8) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-lista ta' laboratorji li huma awtorizzati li jimmaniġġjaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fil-Parti A ta' l-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE tinbidel bil-lista stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE, il-Parti A qiegħda tinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

ANNEX

"PARTI A

Il-laboratorji nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

L-Istat Membru fejn jinsab il-laboratorju		Laboratorju	L-Istati Membri li qed jużaw is-servizzi tal-laboratorju
Kodiċi ISO	Isem		
AT	L-Awstrija	Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit Veterinärmedizinische Untersuchungen Mödling	L-Awstrija
BE	Il-Belġju	Veterinary and Agrochemical Research Centre CODA-CERVA-VAR Uccle	Il-Belġju Il-Lussemburgu
BG	Il-Bulgarija	Национален диагностичен научноизследователски ветеринарно-медицински институт Проф. д-р Георги Павлов, Национална референтна лаборатория Шап и везикулозна болест по свинете (National Diagnostic Veterinary Research Institute Prof. Dr. Georgi Pavlov, National Reference Laboratory for Foot-and-Mouth Disease and Swine Vesicular Diseases)	Il-Bulgarija
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Statní veterinární ústav Praha, Praha	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja	Friedrich-Loeffler-Institut Bundesforschungsinstitut für Tiergesundheit, Greifswald - Insel Riems	Il-Ġermanja Is-Slovakkja
DK	Id-Danimarka	Danmarks Tekniske Universitet, Veterinærinstituttet Afdeling for Virologi, Lindholm Danish Technical University, Veterinary Institute, Department of Virology, Lindholm	Id-Danimarka Il-Finlandja L-Iżvezja
EL	Il-Greċja	Ινστιτούτο αφθώδους πυρετού, Αγία Παρασκευή Αττικής	Il-Greċja
ES	Spanja	Laboratorio Central de Sanidad Animal, Madrid	Spanja
FR	Franza	Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA) — Laboratoire d'études et de recherches en pathologie bovine et hygiène des viandes, Lyon — Laboratoire d'études et de recherches en pathologie animale et zoonoses, Maisons-Alfort	Franza
HU	L-Ungerija	Országos Állategészségügyi Intézet (OÁI), Budapest	L-Ungerija
IT	L-Italja	Istituto zooprofilattico sperimentale della Lombardia e dell'Emilia-Romagna, Brescia	L-Italja Ċipru
LT	Il-Litwanja	Nacionalinė veterinarijos laboratorija, Vilnius	Il-Litwanja
NL	L-Olanda	Central Veterinary Institute of Wageningen UR, Lelystad	L-Olanda
PL	Il-Polonja	Zakład Pryszczycy Państwowego Instytutu Weterynaryjnego – Państwowego Instytutu Badawczego, Żduńska Wola	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija	Institutul de Diagnostic și Sănătate Animală, București	Ir-Rumanija
UK	Ir-Renju Unit	Institute for Animal Health, Pirbright	Ir-Renju Unit L-Estonja Il-Finlandja L-Irlanda Il-Latvja Malta Is-Slovenja L-Iżvezja"